



Dokument ta' sessjoni

A9-0137/2024

20.3.2024

RAPPORT INTERIM

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju dwar l-infurzar tal-liġi, it-tmexxija u l-kummerċ fis-settur forestali fl-injam, u fil-prodotti derivati, lejn l-Unjoni Ewropea (FLEGT)
(COM(2023)0383 – C9-0035/2024 – 2023/0222R(NLE))

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Rapporteur: Karin Karlsbro

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	10
ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVJET KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	11
ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP.....	12
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	15
VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	16

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju dwar l-infurzar tal-liġi, it-tmexxija u l-kummerċ fis-settur forestali fl-injam, u fil-prodotti derivati, lejn l-Unjoni Ewropea (FLEGT) (COM(2023)0383 – C9-0035/2024 – 2023/0222R(NLE))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-13 ta' Lulju 2023 għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju dwar l-infurzar tal-liġi, it-tmexxija u l-kummerċ fis-settur forestali fl-injam, u fil-prodotti derivati, lejn l-Unjoni Ewropea (FLEGT)(COM(2023)0383),
- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju dwar l-infurzar tal-liġi u t-tmexxija fis-settur forestali u l-kummerċ tal-injam u ta' prodotti derivati lejn l-Unjoni Ewropea (12247/2023),
- wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju dwar l-infurzar tal-liġi, it-tmexxija u l-kummerċ fis-settur forestali fl-injam, u fil-prodotti derivati, lejn l-Unjoni Ewropea (12902/2023),
- wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 207(3), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), u l-Artikolu 218(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C9-0035/2024/2024),
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjoni ta' injam fil-Komunità Ewropea¹ (ir-Regolament FLEGT),
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam² (ir-Regolament tal-UE dwar l-Injam),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-15 ta' Jannar 2020 dwarha³,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 2020 dwar ir-rwol tal-UE

¹ ĠU L 347, 30.12.2005, p. 1.

² ĠU L 295, 12.11.2010, p. 23.

³ ĠU C 270, 7.7.2021, p. 2.

fil-protezzjoni u r-restawr tal-foresti tad-dinja¹,

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2020 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar qafas legali tal-UE biex titwaqqaf u titreġġa' lura d-deforestazzjoni globali li l-UE hija responsabbli għaliha²,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima u l-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal dwar il-waqfien u t-treġġiġh lura tat-telf tan-natura,
 - wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2023/1115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni u l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 (ir-Regolament tal-UE dwar id-Deforestazzjoni)³,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu ta' [XXXX]⁴ dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 105(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Iżvilupp,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A9-0137/2024),
- A. billi madwar 11 % tal-erja tal-art fil-Kosta tal-Avorju hija koperta minn foresti, li nofshom huma foresti tropikali; billi l-art koperta mill-foresti tal-Kosta tal-Avorju naqset b'mod drammatiku, b'telf ta' 75 % tal-foresti tal-pajjiż mill-1960, l-aktar minħabba l-espansjoni tal-għelejjel kummerċjali fil-pajjiż, b'mod partikolari l-kawkaw, iżda wkoll il-gomma, il-kafè, l-anakardju u l-pjantaġġuni taż-żejt tal-palm; billi t-telf tal-art koperta mill-foresti fil-Kosta tal-Avorju żdied minn medja ta' 275 000 ettaru fis-sena bejn l-1990 u l-2000, għal 71 600 ettaru fis-sena bejn l-2015 u l-2021, u 26 000 ettaru fis-sena bejn l-2019 u l-2021;
- B. billi fl-2019 ġie introdott kodiċi ġdid tal-foresti biex jiddefinixxi strateġija sostenibbli għall-ġestjoni tal-foresti; billi l-kodiċi tal-foresti l-ġdid għadu ma daħalx fis-seħħ u s-settur tal-forestrija għadu qed jiġi organizzat skont id-dispożizzjonijiet ta' digriet preċedenti mill-1994;
- C. billi f'dawn l-aħħar snin, il-forestrija bħala sehem mill-ekonomija tal-pajjiż naqset u fl-2019 kienet tirrappreżenta biss 1 % tal-PDG, skont il-Ministeru għall-Ilma u l-Foresti (Ministère des Eaux et Forêts); billi s-settur forestali għadu r-raba' l-akbar sors ta' dħul mill-esportazzjoni u impjegatur ewlieni, iżda l-futur tas-settur ġie mhedded minn rati għolja ta' deforestazzjoni u prattiki mhux sostenibbli f'dawn l-aħħar deċennji; billi l-

¹ ĠU C 385, 22.9.2021, p. 10.

² ĠU C 404, 6.10.2021, p. 175.

³ ĠU L 150, 9.6.2023, p. 206.

⁴ Testi adottati ta' dik id-data, P9_TA(0000)0000.

proċess tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja (VPA), li jenfasizza l-legalità u l-governanza tajba, qed jgħin lis-settur forestali joħloq impjiegi rurali sostenibbli, jippreserva l-bijodiversità u l-bjar tal-karbonju, jirrestawra n-natura u jiġġenera dħul għall-Avorjani, billi jsegwi prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti;

- D. billi storikament, il-pajjiżi Ewropej kienu d-destinazzjoni ewlenija għall-injam esportat mill-Kosta tal-Avorju, għalkemm id-data tal-Comtrade tan-NU tenfasizza li s-sehem tal-esportazzjonijiet lejn l-Ewropa qed jonqos, filwaqt li s-sehem tal-esportazzjonijiet lejn l-Asja qed jiżdied;
- E. billi l-Kosta tal-Avorju hija t-tieni l-akbar ekonomija fl-Afrika tal-Punent wara n-Niġerja u l-akbar fornitur dinji tal-kawkaw; billi l-UE hija l-klijent ewlieni tal-kawkaw Avorjan (67 % tal-esportazzjonijiet tal-kawkaw Avorjan imorru lejn l-UE);
- F. billi l-Kosta tal-Avorju għamlet talba uffiċjali lill-UE għal informazzjoni dwar il-proċess FLEGT f'Jannar 2010; billi ż-żewġ partijiet nedew negozjati għall-Ftehim ta' Sħubija Volontarja f'Ġunju 2013 u kkonkludew in-negozjati f'Ottubru 2022;
- G. billi l-oġġettiv tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja huwa li jiżgura li l-konsenji kollha tal-injam u tal-prodotti tal-injam mill-Kosta tal-Avorju destinati għas-suq tal-UE jkunu konformi ma' sistema ta' garanzija tal-legalità tal-injam (TLAS) Avorjana u b'hekk jikkwalifikaw għal-liċenzja FLEGT; billi l-injam domestiku u l-injam destinat għal swieq oħra tal-esportazzjoni se jkollhom ukoll jikkonformaw mat-TLAS u se jkunu soġġetti għall-ħruġ ta' Ċertifikat H-Legal;
- H. billi t-TLAS hija bbażata fuq definizzjoni tal-legalità, kontrolli tal-katina tal-provvista, verifika tal-konformità, liċenzjar FLEGT u awditu indipendenti;
- I. billi, mill-1 ta' Jannar 2025, il-provvista, fost affarijiet oħra, tal-kawkaw u tal-injam mill-Kosta tal-Avorju għas-swieq tal-UE se tkun soġġetta għall-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament tal-UE dwar id-Deforestazzjoni;
- J. billi l-ftehim ikopri l-ħames prodotti tal-injam obligatorji skont ir-Regolament FLEGT – zkuk, injam isserrat, traversi ferrovjarji, plywood u fuljetta – u għadd ta' prodotti oħra tal-injam;
- K. billi l-għan u l-benefiċċji mistennija tal-Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja FLEGT imorru lil hinn mill-faċilitazzjoni tal-kummerċ tal-injam legali, peress li huma mfassla wkoll biex iwasslu għal bidliet sistemiċi fil-governanza tal-foresti, l-infurzar tal-liġi, it-trasparenza u l-inklużjoni ta' diversi partijiet ikkonċernati fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi;
- 1. Jilqa' l-konklużjoni tan-negozjati dwar il-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-UE u l-Kosta tal-Avorju u jappella għar-ratifika rapida tiegħu miż-żewġ naħat sabiex ikun jista' jidħol fis-seħħ fil-XXXX;
- 2. Jirrikonoxxi li l-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja se tkun proċess fit-tul li se jirrikjedi l-adozzjoni ta' sett sħiħ ta' leġiżlazzjoni u kapaċità u għarfien espert adegwati fil-livell amministrattiv għall-implimentazzjoni u l-infurzar tiegħu; ifakkar li l-liċenzjar FLEGT jista' jibda biss ladarba l-Kosta tal-Avorju tkun

uriet li t-TLAS tagħha hija disponibbli; jappella, għalhekk, għall-introduzzjoni ta' miżuri li jistgħu jappoġġjaw it-tnaqqis ta' proċessi amministrattivi ta' piż; iħeġġeġ liż-żewġ sħab jidentifikaw metodi diġitali għas-simplifikazzjoni tal-proċess, pereżempju, soluzzjonijiet mingħajr karti bħaċ-ċertifikati elettroniċi;

3. Jenfasizza r-rati għolja ta' deforestazzjoni fil-Kosta tal-Avorju, li huma relatati b' mod partikolari mal-produzzjoni tal-kawkaw, u l-kontroll fqir tal-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u tal-kummerċ tal-injam; jirrikonoxxi l-impenn tal-Kosta tal-Avorju li tiżgura li l-injam jinħasad skont il-liġi nazzjonali u li tkompli bir-riformi regolatorji tagħha biex tikkomplementa u ssaħħaħ il-qafas legali, kif ukoll l-adozzjoni tagħha ta' qafas għall-monitoraġġ tal-konformità u għat-twettiq ta' evalwazzjonijiet indipendenti tas-sistema;
4. Jisħaq li l-istadju ta' implimentazzjoni jirrikjedi konsultazzjonijiet kontinwi u involviment tal-partijiet ikkonċernati, inklużi partijiet ikkonċernati kemm fis-settur tal-forestrija kif ukoll barra minnu, b' mod partikolari mill-komunitajiet lokali u indiġeni; jisħaq, barra minn hekk, li f'dan l-istadju l-fattur tal-ġeneru wkoll irid jitqies; ifakkar, f'dan ir-rigward, fil-ħtieġa li jkun hemm konformità mal-prinċipji ta' kunsens liberu, minn qabel u infurmat, li għandhom jiġu stabbiliti, fost l-oħrajn, bħala kundizzjoni tax-xiri jew tal-użu ta' artijiet forestali tal-antenati, f'konformità mal-liġijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, jiġifieri l-Konvenzjoni Nru 169 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar il-Popli Indiġeni u Tribali u l-istandards stabbiliti fil-Linji Gwida Volontarji tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura dwar il-Governanza Responsabbli tal-Pussess tal-Art, is-Sajd u l-Foresti; jistieden lill-Kummissjoni u lid-Delegazzjoni tal-UE għall-Kosta tal-Avorju jipprovdu biżżejjed bini tal-kapaċità u appoġġ loġistiku u tekniku fil-qafas ta' strumenti tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp preżenti u futuri sabiex il-Kosta tal-Avorju tkun tista' tissodisfa l-impenji għall-implimentazzjoni tat-TLAS tagħha u l-miżuri relatati magħha; jirakkomanda li ż-żewġ sħab jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet diġitali fejn xieraq, bħat-traċċabbiltà u t-teknoloġiji blockchain li jistgħu jiffaċilitaw l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja;
5. Ifakkar li l-ġestjoni u l-governanza sostenibbli u inklużivi tal-foresti huma essenzjali biex jinkisbu l-oġettivi stabbiliti fl-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u fil-Ftehim ta' Pariġi;
6. Jilqa' l-azzjonijiet reċenti meħuda mill-Kosta tal-Avorju biex treġġa' lura x-xejra tad-deforestazzjoni, fosthom: l-adozzjoni tal-istrateġija nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mid-deforestazzjoni u mid-degradazzjoni tal-foresti fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw (REDD+), inkluża l-għażla strateġika "agrikoltura mingħajr deforestazzjoni", fl-2017; l-iffirmar tal-Qafas ta' Azzjoni Konġunta tal-Inizjattiva dwar il-Kawkaw u l-Foresti; l-adozzjoni tal-politika għall-preservazzjoni, ir-riabilitazzjoni u l-espansjoni tal-foresti; u l-promulgazzjoni tal-Kodiċi tal-Foresti l-ġdid fit-23 ta' Lulju 2019;
7. Jissottolinja l-ħtieġa li l-partijiet ikkonċernati jiġu involuti fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja f'konformità mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, li skontu għandhom ikunu involuti l-partijiet ikkonċernati kemm fis-settur tal-forestrija kif ukoll barra minnu, u li jiżgura wkoll li l-fattur tal-ġeneru jitqies;

8. Jirrikonoxxi r-Regolament tal-UE dwar id-Deforestazzjoni li issa daħal fis-seħħ, li għandu jikkomplementa l-FLEGT u inizjattivi oħra li jindirizzaw id-deforestazzjoni illegali; iħeġġeġ lis-sħab jevitaw id-duplikazzjoni ta' dawn il-miżuri u jissimplifikaw l-azzjonijiet biex jimmassimizzaw il-benefiċċji għan-negozji, iċ-ċittadini u l-ambjent; jinsisti fuq il-ħtieġa ta' mekkaniżmi ta' appoġġ adegwati, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs) u għall-bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira, fl-implimentazzjoni tar-Regolament;
9. Jisħaq li s-suċċess tal-FLEGT jiddependi wkoll mill-ġlieda kontra l-frodi, il-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni tul il-katina tal-provvista tal-injam; iħeġġeġ lill-Gvern tal-Kosta tal-Avorju jaħdem biex iwaqqaf il-korruzzjoni mifruxa u jindirizza fatturi oħra li jwasslu għall-qtuġh illegali tas-siġar għall-injam u d-degradazzjoni tal-foresti, b'attenzjoni partikolari għad-dwana, f'kooperazzjoni ma' awtoritajiet oħra li se jkollhom rwol ċentrali fl-implimentazzjoni u l-infurzar tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja; jisħaq fuq l-importanza tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-drittijiet tal-ħaddiema, meta jiġu akkwistati oġġetti u prodotti għas-suq tal-UE; jistieden, f'dan il-kuntest, lill-awtoritajiet lokali jestendu l-protezzjoni speċjali għat-tfal;
10. Jistieden lill-Kummissjoni żżid l-allokazzjoni ta' finanzjament għas-Sħubija għall-Foresti mal-Kosta tal-Avorju bħala parti mill-proċess ta' rieżami tal-iprogrammar għall-programm bilaterali tal-UE għall-2025-2027 sabiex tassisti l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja, u tikkomplementa dan bl-appoġġ tekniku meħtieġ biex jiġu ffaċilitati l-isforzi u l-impenn politiku tal-Kosta tal-Avorju u biex jintlaħqu l-oġġettivi taż-żewġ partijiet għall-Ftehim ta' Sħubija Volontarja; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni tirrapporta perjodikament dwar il-progress tal-pjan ta' azzjoni FLEGT;
11. Jilqa' l-impenn tal-Ministeru għall-Ilma u l-Foresti li jieħu miżuri biex in-nisa jiġu integrati b'mod effettiv fil-ġestjoni tar-riżorsi tal-foresti tal-pajjiż; jisħaq ukoll fuq l-importanza tal-inklużjoni tan-nisa u ta' gruppi vulnerabbli oħra fil-ġestjoni tal-foresti fin-negozjati futuri tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja; jappella li l-analiżi tal-ġeneru tiġi integrata fl-attivitajiet u fil-proġetti kollha marbuta mal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja FLEGT; iħeġġeġ lil korpi pubbliċi Avorjani oħra jadottaw strateġiji tal-ġeneru għall-ġestjoni tal-foresti;
12. Jappella li r-rwol u l-parteċipazzjoni tas-settur privat jissaħħu fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja u li l-operaturi, b'mod partikolari l-SMEs, jiġu assistiti fil-bini tal-kapaċità biex jiġu żgurati ċarezza, fehim u konformità aħjar mar-rekwiżiti tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja;
13. Jirrikonoxxi li l-proċess ta' negozjar ta' Ftehim ta' Sħubija Volontarja jista' jippermetti lis-setturi jidentifikaw għanijiet u prijoritajiet kondiviżi biex jaħdmu lejn ġestjoni sostenibbli tal-foresti, kif ukoll joffri lill-komunitajiet opportunità importanti biex jippermettu ġestjoni parteċipattiva tal-foresti tagħhom fil-livelli lokali, komunitarji u reġjonali, inklużi l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u tan-negozju, u saħansitra fil-livell nazzjonali jew federali;
14. Jisħaq fuq l-importanza tal-impjiegi fil-foresti u tal-impjiegi rurali fl-ekonomija tal-

Kosta tal-Avorju, li għandhom jitqiesu għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja; iqis, f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Kosta tal-Avorju għandhom iwettqu valutazzjoni eżawrjenti tal-impatt tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja fuq il-ħaddiema u l-produtturi żgħar fis-settur, li jistgħu jiġu affettwati miż-żieda fil-kontrolli tal-qtugħ tas-siġar għall-injam; jitlob lill-Kummissjoni tippromwovi u tappoġġja programmi għar-rikonverżjoni ta' dawn il-ħaddiema u l-produtturi lejn attivitajiet oħra;

15. Jissottolinja l-importanza tal-produzzjoni sostenibbli tal-kawkaw fil-Kosta tal-Avorju; jilqa' inizzjattivi bħall-Alleanza għall-Kawkaw Sostenibbli, pjan direzzjonali ambizzjuż approvat b'mod konġunt mill-UE, il-Kosta tal-Avorju, il-Ghana u s-settur tal-kawkaw biex tittejjeb is-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali tal-produzzjoni u l-kummerċ tal-kawkaw;
16. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tad-deforestazzjoni fil-Kosta tal-Avorju; ifakkar, f'dan ir-rigward, li l-Kosta tal-Avorju hija l-akbar produttur tal-kawkaw fid-dinja, u li madwar 40 % tal-produzzjoni tagħha tal-kawkaw hija destinata għall-UE; jinnota bi tħassib, madankollu, li l-Kosta tal-Avorju tirċievi biss bejn 5 % u 7 % tal-profitt iġġenerat minn dan is-settur globalment, u li b'riżultat ta' dan, għalkemm dan is-settur jipprovdi introjtu lil għoxrin fil-mija tal-popolazzjoni Avorjana, il-bdiewa normalment ma jkunux jistgħu jaqilgħu l-għajxien tagħhom mix-xogħol u l-produzzjoni tagħhom; jinnota, barra minn hekk, li huwa stmat li 54,9 % tal-produtturi tal-kawkaw Avorjani u l-familji tagħhom bħalissa jgħixu taħt il-linja tal-faqar; ifakkar li l-aħjar mod biex il-kawkaw isir sostenibbli huwa li jiġi żgurat li l-kumpaniji jħallsu prezz ġust għall-kawkaw u remunerazzjoni adegwata lill-bdiewa u jabolixxu t-tħaddim tat-tfal fil-produzzjoni tal-kawkaw;
17. Jenfasizza l-importanza tal-użu tal-art fil-governanza tal-foresti u li hija meħtieġa viżjoni strateġika fil-governanza tal-foresti marbuta mal-kwistjonijiet tat-tibdil fil-klima u l-bijodiversità; jistieden lill-Gvern tal-Kosta tal-Avorju jiżgura koordinazzjoni mill-qrib bejn l-inizzjattivi differenti eżistenti fis-settur forestali, bħar-REDD+, il-Ftehim ta' Sħubija Volontarja FLEGT u l-kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali skont il-Ftehim ta' Pariġi u l-miri nazzjonali skont il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal;
18. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jappoġġjaw b'mod attiv lill-Kosta tal-Avorju f'konformità mal-Artikolu 30 tar-Regolament tal-UE dwar id-Deforestazzjoni; jenfasizza li l-kooperazzjoni trid tippermetti l-parteċipazzjoni sħiħa tal-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi l-bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira u għandha tinkludi assistenza fir-rigward ta' leġiżlazzjoni rilevanti u futura oħra tal-UE, bħad-Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva u r-Regolament dwar ix-Xogħol Furzat;
19. Jirrikonoxxi li l-Ftehim ta' Sħubija Volontarja mal-Kosta tal-Avorju, kif ukoll dawk ma' pajjiżi oħra, juri li l-ftehimiet kummerċjali jistgħu jaħdmu, mingħajr it-treddida tal-impożizzjoni ta' sanzjonijiet u bl-inklużjoni ta' mezzi differenti ta' kontroll u kooperazzjoni;
20. Jissottolinja li l-Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja jipprovdu qafas legali importanti

kemm għall-UE kif ukoll għall-pajjiżi sħab tagħha, u li dan sar possibbli bis-saħħa ta' kooperazzjoni tajba mal-pajjiżi kkonċernati u bl-impenn tagħhom; jišhaq, għalhekk, li Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja ġodda ma' sħab addizzjonali għandhom jiġu promossi;

21. Jitlob lill-Kummissjoni tirrapporta regolarment lill-Parlament dwar l-implimentazzjoni tal-ftehim, inkluż dwar il-ħidma tal-Kumitat Konġunt ta' Implimentazzjoni;
22. Jistieden lill-Istati Membri tal-UE jikkonformaw bis-sħiħ mar-Regolament tal-UE dwar l-Injam u jimplimentawh, u jallinjaw ruħhom mar-rekwiżiti tar-Regolament tal-UE dwar id-Deforestazzjoni;
23. Jišhaq li pajjiżi madwar id-dinja kollha li diġà għandhom jew li għandhom l-għan li jkollhom swieq ta' importazzjoni regolati għall-injam legali jibbenefikaw minn kooperazzjoni u, fejn possibbli, japprovaw ir-regoli u s-sistemi ta' xulxin, bħall-FLEGT u l-Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja tal-UE; jenfasizza li l-istandards internazzjonali jkunu aktar effettivi u jipromwovu s-sigurtà legali fit-tul għan-negozji u l-konsumaturi;
24. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri kif ukoll lill-Gvern u lill-parlament tar-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju.

NOTA SPJEGATTIVA

L-UE ppubblikat il-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar l-Infurzar tal-Liġi, it-Tmexxija u l-Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT) fl-2003. Huwa għandu l-għan li jiġġielel il-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam fid-dinja. Billi tidħol fi Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja (VPAs) ma' pajjiżi terzi li jipproduċu l-injam, l-UE tiftaħ is-Suq Uniku tagħha għall-importazzjonijiet ta' injam u ta' prodotti tal-injam akkwistati minn sorsi legali. Dawn il-ftehimiet huma ftehimiet kummerċjali vinkolanti. Huma jikkontribwixxu wkoll għal regolamentazzjoni u governanza aħjar tas-settur forestali fil-pajjiż esportatur.

Fit-13 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet il-konklużjonijiet ta' ftehim ta' sħubija volontarja bejn l-UE u l-Kosta tal-Avorju dwar l-FLEGT. Ir-rapporteur tilqa' dan l-iżvilupp, filwaqt li tenfasizza diversi aspetti tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja fir-risoluzzjoni inklużi l-ħtieġa għal sforzi fit-tul fl-implimentazzjoni tal-ftehim, il-promulgazzjoni leġislattiva u l-bini tal-kapaċità amministrattiva, speċjalment għas-Sistemi ta' Garanzija tal-Legalità tal-Injam qabel il-bidu tal-liċenzjar FLEGT. Parti importanti oħra hija l-importanza ta' konsultazzjonijiet kontinwi, l-involviment tal-partijiet ikkonċernati, u l-appoġġ għall-bini tal-kapaċità mill-Kummissjoni u d-Delegazzjoni tal-UE biex jgħinu lill-Kosta tal-Avorju tissodisfa l-impenji tagħha.

Il-Parlament Ewropew għalhekk jeħtieġ li jagħti l-kunsens tiegħu għal dan il-ftehim importanti. Barra minn hekk, l-UE teħtieġ li timmonitorja bir-reqqa u toffri appoġġ għall-kapaċità biex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tiegħu. Din hija opportunità għal ftehim ta' benefiċċju għaż-żewġ partijiet, iżda hija wkoll r-responsabbiltà tagħna li naġixxu fejn nistgħu, naħdmu għal għanijiet komuni u flimkien niġġieldu l-isfidi kondiviżi.

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRĊEVJET KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li ma rċeviet l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

29.1.2024

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

Is-Sur Bernd Lange
President
Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar ir-Rapport Interim dwar il-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju dwar l-infurzar tal-liġi, tmexxija u kummerċ fis-settur forestali fil-prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea (FLEGT) (2023/0222R(NLE))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Iżvilupp ingħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2023, iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp eżamina l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tas-7 ta' Diċembru 2023. Matul din il-laqgħa¹, iddeċieda li jstieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin hawn taħt fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu.

Dejjem tiegħek,

Tomas Tobé

¹ Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Pierrette Herzberger Fofana (l-ewwel Viċi President), Mercedes Bresso (it-tieni Viċi President), Stéphane Bijoux (it-tielet Viċi President), Erik Marquardt (ir-raba' Viċi President), Barry Andrews, Hildegard Bentele, Udo Bullmann, Catherine Chabaud, Christophe Clergeau, Marie Dauchy, Jarosław Duda, Charles Goerens, Mónica Silvana González, György Hölvényi, Aušra Maldeikienė, Caroline Roose, Eleni Stavrou, Miguel Urbán Crespo, Bernhard Zimniok, Carlos Zorrinho

SUĠĠERIMENTI

1. Jappoġġja bil-qawwa l-konklużjoni tan-negozjati dwar il-Ftehim ta' Sħubija Volontarja ("il-Ftehim") bejn l-UE u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju, li se jiżgura li l-injam maqtuġh legalment biss jiġi importat fl-UE, jippromwovi l-qtuġh sostenibbli tas-siġar għall-injam u l-kummerċ sostenibbli tiegħu, jappoġġja inizzjattivi tas-settur privat għal dawn il-finijiet u jippromwovi t-tisħiħ tal-infurzar tal-liġi u l-governanza tal-foresti;
2. Jisħaq fuq ir-rati għolja ta' deforestazzjoni fil-Kosta tal-Avorju, li huma relatati b'mod partikolari mal-produzzjoni tal-kawkaw, u l-kontroll fqir tal-qtuġh illegali tas-siġar għall-injam u l-kummerċ tiegħu; jirrikonoxxi l-impenn tal-Kosta tal-Avorju li tiżgura li l-injam jinħasad skont il-liġi nazzjonali u li tkompli r-riformi regolatorji tagħha biex tikkomplementa u ssaħħa il-qafas legali, kif ukoll l-adozzjoni tagħha ta' qafas għall-monitoraġġ tal-konformità u għat-twettiq ta' evalwazzjonijiet indipendenti tas-sistema;
3. Ifakkar li l-ġestjoni u l-governanza sostenibbli u inklużivi tal-foresti huma essenzjali biex jinkisbu l-oġettivi stabbiliti fl-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u fil-Ftehim ta' Pariġi;
4. Jissottolinja l-ħtieġa li l-partijiet ikkonċernati jiġu involuti fl-implimentazzjoni tal-Ftehim skont il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, li skontu għandhom ikunu involuti l-partijiet ikkonċernati kemm fis-settur tal-forestrija kif ukoll barra minnu, filwaqt li jiġi żgurat ukoll li jitqies il-fattur tal-ġeneru;
5. Jistieden lill-Kummissjoni żżid l-allokazzjoni ta' finanzjament għas-Sħubija għall-Foresti mal-Kosta tal-Avorju bħala parti mill-proċess ta' rieżami tal-iprogrammar għall-programm bilaterali tal-UE għall-2025–2027 sabiex tassisti l-implimentazzjoni tal-Ftehim, u tikkomplementa dan bl-appoġġ tekniku meħtieġ biex jiġu ffaċilitati l-isforzi u l-impenn politiku tal-Kosta tal-Avorju u biex jintlaħqu l-oġettivi taż-żewġ partijiet għall-Ftehim; jistieden lill-Kummissjoni, barra minn hekk, tirrapporta perjodikament dwar il-progress tal-pjan ta' azzjoni FLEGT;

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jridu jissemmew f'dan l-Anness skont l-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

Data tal-adozzjoni	7.3.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 32 -: 0 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Barry Andrews, Geert Bourgeois, Saskia Bricmont, Jordi Cañas, Danuta Maria Hübner, Karin Karlsbro, Danilo Oscar Lancini, Bernd Lange, Thierry Mariani, Margarida Marques, Emmanuel Maurel, Samira Rafaela, Catharina Rinzema, Inma Rodríguez-Piñero, Helmut Scholz, Dominik Tarczyński, Kathleen Van Brempt, Marie-Pierre Vedrenne, Jörgen Warborn, Jan Zahradil
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Marek Belka, Anna Cavazzini, José Manuel García-Margallo y Marfil, Enikő Győri, Cristina Maestre Martín De Almagro, Javier Moreno Sánchez, Manuela Ripa, Witold Jan Waszczykowski
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Andrea Bocskor, Paola Ghidoni, Ivo Hristov, Virginie Joron, Ska Keller, Dace Melbārde, Wolfram Pirchner, Aušra Seibutytė

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

32	+
ID	Paola Ghidoni, Virginie Joron, Danilo Oscar Lancini, Thierry Mariani
NI	Andrea Bocskor, Enikő Györi
PPE	José Manuel García-Margallo y Marfil, Danuta Maria Hübner, Dace Melbārde, Wolfram Pirchner, Aušra Seibutyte, Jörgen Warborn
Renew	Barry Andrews, Jordi Cañas, Karin Karlsbro, Samira Rafaela, Catharina Rinzema, Marie-Pierre Vedrenne
S&D	Marek Belka, Ivo Hristov, Bernd Lange, Cristina Maestre Martín De Almagro, Margarida Marques, Javier Moreno Sánchez, Inma Rodríguez-Piñero, Kathleen Van Brempt
The Left	Emmanuel Maurel, Helmut Scholz
Verts/ALE	Saskia Bricmont, Anna Cavazzini, Ska Keller, Manuela Ripa

0	-

4	0
ECR	Geert Bourgeois, Dominik Tarczyński, Witold Jan Waszczykowski, Jan Zahradil

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni